31972R0616

31.3.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 78/1

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 616/72 TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Marzu, 1972

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' rimborż ta' l-esportazzjoni u imposti fuq żejt taż-żebbuġa

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE ([1]) tat-22 ta' Settembru, 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fi żjut u xaħmijiet, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2727/71 ([2]);

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 162/66/KEE ([3]) tas-27 ta' Ottubru, 1966 dwar kummerċ fi żjut u xaħmijiet bejn il-Komunità u l-Greċja;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 171/67 KEE ([4]) tas-27 ta' Ġunju, 1967 dwar rimborż ta' l-esportazzjoni u imposti fuq żejt taż-żebbuġa, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 444/72, ([5]) u partikolarment l-Artikolu 11 ta' dan;

Billi, biex ikun żgurat li s-sistema ta' rimborż ta' l-esportazzjoni hija applikata b'mod korrett, żjut b'kontenut ħieles minn aċidu xaħmi għoli li huma prodotti u mibjugħa fi skala żgħira ħafna għandhom ikunu esklużi mir-rimborż; billi għall-istess għan is-sottotitlu Nru 15.07 A II tat-Tariffa Komuni Doganali għandha tinqasam f'żejt verġni taż-żebbuġa u żejt ieħor li jaqa' taħt l-istess sottotitlu;

Billi, jekk l-l-imposta ta' l-esportazzjoni għandha tkun effettiva għal kollox, l-ammont ta' dik l-imposta' l-għandu jkun ugwali għall-ammonti massimi ffissati bi qbil ma' l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 171/67/KEE; billi, iżda, l-imposta hija ffissata biss fejn id-differenza bejn il-prezz c.i.f u l-prezz tal-mira tas-suq għal żejt taż-żebbuġa mhux raffinat tista' toħloq esportazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal ċaqliq fis-suq tal-Komunità;

Billi la l-volum ta' l-esportazzjonijiet tradizzjonali f'kontenituri żgħar mhuwiex affettwat b'mod li jidher miċ-ċaqliq ta' prezzijiet dinjija, għandha ssir dispożizzjoni għal eżenzjoni mill-imposta rigward dawn l-esportazzjonijiet; billi, iżda, eżenzjoni li taqbeż l-ispejjeż l-aktar baxxi ta' l-ippakkeġġjar tista' twassal għal esportazzjonijiet spekulattivi f'kontenituri żgħar; billi l-eżenzjoni għandha għalhekk tkun limitata għal-livell ta' dawn l-ispejjeż;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Żjut u Xaħmijiet;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rimborż ta' l-esportazzjoni jista' jingħata biss fuq żjut taż-żebbuġa b'kontenut ħieles minn aċidu xaħmi msejjaħ bħala aċidu olejku ta' mhux aktar minn 30 g kull 100 g.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' għoti tar-rimborż ta' l-esportazzjoni, prodotti li jaqgħu taħt is-sottotitlu Nru 15.07 A II tat-Tariffa Komuni Doganali jitqassmu kif ġej:

— 15.07 A II (a): żejt verġni taż-żebbuġa;

— 15.07 A II (b): oħrajn.

Artikolu 3

L-ammonti ta' imposti ta' l-esportazzjoni fuq żejt taż-żebbuġa jkunu l-istess bħall-ammonti massimi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 171/67/KEE.

([1]) ĠU Ċ 172, 30.9.1966, p. 3025/66.
([2]) ĠU L 282, 23.12.1971, p. 1.
([3]) ĠU Ċ 197, 29.10.1966, p. 3393/66.
([4]) ĠU Ċ 130, 28.6.1967, p. 2600/67.
([5]) ĠU L 54, 3.3.1972, p. 6.

Iżda, esportazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa li jaqgħu taħt is-sottotitlu Nru 15.01 A I tat-Tariffa Komuni Doganali u s-sottotitlu Nru 15.07 A II (a) li jirreferi għalihom l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2, f'pakketti immedjati ta' kapaċità netta li ma taqbiżx 5 kg, jingħataw eżenzjoni mill-imposta li tammonta għal 7 unitajiet ta' kontijiet kull 100 kg netti ta' żejt esportat.

Artikolu 4

1. Il-Kummissjoni tiffissa imposti ta' l-esportazzjoni fejn id-differenza li jirreferi għaliha l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 171/67/KEE hija ta' 2.5 unità ta' kont jew aktar għal kull 100 kg. Dawn l-imposti ikunu ffissati ta' spiss kemm ikun meħtieġ għall-istabbilità tas-suq tal-Komunità u b'tali mod li jkun żgurat li huma applikati għal mill-inqas darba fil-ġimgħa.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-imposti ta' l-esportazzjoni, li kienu ffissati minn qabel jibqgħu jgħoddu fejn varjazzjonijiet fil-fatturi wżati biex jikkalkolaw id-differenza li għaliha jirreferi l-paragrafu 1 ikunu jinvolvu żieda jew tnaqqis ta' inqas minn 0.50 unità ta' kont għal kull 100 kg f'dawn l-imposti.

3. Il-Kummissjoni tgħarraf lill-Istati Membri bl-ammont ta' l-imposti ta' l-esportazzjoni li jitħallsu għal kull 100 kg ta' żejt esportat malli imposti bħal dawn ikunu ġew iffissati.

Artikolu 5

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 154/69 [1] tas-27 ta' Jannar, 1969 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' rimborż ta' l-esportazzjoni u imposti fuq żejt taż-żebbuġa, kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2219/70 [2], huwa hawnhekk revokat.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' April, 1972.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 27 ta' Marzu, 1972.

Għall-Kummissjoni

Il-President

S. L. MANSHOLT

[1] ĠU L 22, 29.1.1969, p. 4.
[2] ĠU L 240, 31.12.1970, p. 72.